**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 8 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 886/01 AJD**

**Equipment Hire Limited**

**vs**

**Mekanika Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2001, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm75.05) rappresentanti prezz ta' kiri ta' ghodda minghand is-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 4 ta' Gunju, 2001, u bl-imghaxiiet legali li jiddekorru mid-data tal-kuntratt ta' kiri relattiv, u cioe' l-10 ta' Awissu, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn din spjegat li kienet qed tikkuntesta t-talbiet attrici stante li l-ghodda li kienu s-suggett tal-kiri ma hadmux sew u ghalhekk dawn ma setghux jintuzaw mis-socjeta' konvenuta, u gew ritornati lis-socjeta' attrici l-ghada tal-kunsinna;
Is-socjeta' attrici ma issostitwietx dawk l-ghodda b'ghodda li kienu jahdmu sew;
Ghalhekk is-socjeta' attrici ma esegwitx l-obbligazzjonijiet tal-kuntratt ta' kiri li kellha mas-socjeta' konvenuta u ghalhekk is-socjeta' konvenuta mhix issa

tenuta li thallas kera;
Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Raymond Huber, Melchior Micallef, Bernard Azzopardi u Neville Buhagiar. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:
1. Illi mill-provi rrizulta li fit-8 ta' Awissu, 2000, s-socjeta' konvenuta kriet minghand is-socjeta' attrici makkinarju konsistenti fi 'drill rig complete with diamond core bits' minghand is-socjeta' attrici ghall-perijodu ta' gimgha u dan ai termini ta' kuntratt ta' kera esibit a fol. 10 tal-process. Dan il-makkinarju gie ritornat wara jumejn u cioe' fl-10 ta' Awissu, 2000. Sussegwentement is-socjeta' konvenuta rrifjutat li thallas il-prezz tal-kirja lis-socjeta' attrici stante li hija allegat li l-makkinarju ma kienx qed jiffunzjona kif suppost.

2. Illi skond is-socjeta' konvenuta, il-'vacuum pump' tal-makkinarju in kwistjoni ma kienx qed jiffunzjona u inoltre l-istess makkinarju ma kellux 'speed control' fis-sens li kellu 'one speed' biss.

3. Illi s-socjeta' attrici min-naha l-ohra ssostni li hija taghmel verifiki dwar il-funzjonabilita' tal-makkinarju qabel ma jinkera u dan il-process gie addottat fil-kaz in dizamina. Inoltre, s-socjeta' attrici esibiet ir-'return slip' (a fol. 11), liema dokument jigi moghti lill-klijent meta huwa jirritorna lura l-'equipment', fejn hemm spazju apposta intiz sabiex jigu registrati xi lmenti li jistghu ikollhom dwar il-makkinarju. Minn dan id-dokument ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta resqet xi lment fil-mument li rritornat il-makkinarju.

4. Illi t-Tribunal jaghmel riferenza ghall-klawzola 3 (b) tal-kuntratt ta' kiri fejn hemm stipulat bhala wiehed mill-obbligi tal-kerrej li "The Hirer signatory will examine equipment and/or goods at delivery/handover and sign confirming satisfaction. Delivered shortages or damaged equipment must be agreed and noted on the contract/delivery document". Mill-provi rrizulta li s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel dawn il-verifiki. Dan jirrizlta mill-ftehim relattiv fejn hemm il-firma ta' John Saliba u cioe' il-persuna li gabret il-makkinarju ghan-nom tas-socjeta' konvenuta fejn ma hemm ebda kumment dwar xi nuqqas li seta' jigi konstatat fid-'drill' in kwistjoni.

5. Illi min jallega jrid jipprova u f'dan il-kaz l-onus tal-prova li l-makkinarju ma kienx qed jiffunzjona kienet tispetta lis-socjeta' konvenuta. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta' konvenuta ma rnexxiliex tipprova soddisfacentement li dan id-'drill' li nkera lilha mis-socjeta' attrici ma kienx qed jiffunzjona adegwatament kif allegat fir-risposta u ghalhekk ghandha tadempixxi mal-obbligu minnha assunt li thallas ghall-kiri ta' dan il-makkinarju.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin lira Mlatin (Lm75.00) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**